# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 326/2013/1 JPG**

**Middle Sea Insurance p.l.c. (C – 5553) u b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2015, inbidel f'Mapfre Middlesea p.l.c.**

**v.**

**Francis Chetcuti u Franwin Manufacturing Limited (C – 12980)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell prinċipali mressaq mill-intimati minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet

imressqa minnhom u laqgħet it-talbiet attriċi billi irrendiet eżegwibbli mill-ġdid il-kuntratt pubbliku tas-7 ta' Mejju, 1998, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar li bih l-intimat Francis Chetcuti kien ikkostitwixxa lilu nnifsu bħala debitur ċert u likwidu ta' Clement u Mary miżżewġin Bondin, bil-kumpanija intimata tidħol garanti solidali miegħu għall-imsemmi dejn, u dan minħabba li kienu għaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-imsemmi kuntratt kien għall-ewwel darba magħmul eżekuttiv. Ir-rikorrenti fetħet din il-kawża fil-kwalita` tagħha ta' ċessjonarja ta' biċċa mill-imsemmi kreditu bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-4 ta' Novembru, 2003, fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar li fih l-imsemmija miżżewġin Bondin, bħala kredituri tal-intimat, ċedew erbgħa u sittin punt ħamsa fil-mija (64.5%) tal-kreditu li kien għad fadal favurihom lill-kumpanija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "Mapfre");

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, Mapfre tgħid li f'Novembru, 2003, saret assenjazzjoni favur tagħha ta' parti mill-kreditu dovut mill-intimat lill-miżżewġin Bondin, għal liema kreditu l-kumpanija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "Franwin") kienet daħlet garanti solidali mal-intimat. Notifika tal-imsemmi kuntratt ta' assenjazzjoni saret lid-debitur u lill-garanti b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar, 2006. Minkejja t-talba, d-debituri baqgħu ma ħallsux l-ammont dovut lilha. Għalhekk, billi għaddew aktar

minn tlett (3)[1] snin minn meta seta' jiġi eżegwit l-imsemmi att nutarili, talbet lill-ewwel Qorti tirrendih eżekuttiv mill-ġdid;

3. Fit-Tweġiba tiegħu l-intimat Francis Chetcuti (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") laqa' billi qal li t-talbiet attriċi ma jiswewx billi Mapfre ma ħarsitx dak li titlob il-liġi fl-Artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u lanqas ir-regoli dwar iċ-ċessjoni ta' kreditu u n-notifika tal-istess. Żied jgħid ukoll li Franwin ilha snin bla diretturi. Aktar 'il quddiem, l-appellant qajjem l-eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin għall-finijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

4. Franwin ma ressqet l-ebda tweġiba, minkejja li laqgħet in-notifika tal-atti kif imiss;

5. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fid-deċiżjoni appellata, wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Il-Qorti sejra l-ewwel net tikkonsidra l-posizzjoni tas-socjeta' ntimata f'dawn il-proceduri. Is-socjeta' ntimata ma ressqitx twegiba ghar-rikors promotur tas-socjeta' rikorrenti, u lanqas produciet provi fil-mori tal-kawza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata solidament mill-intimat u mis-socjeta' ntimata, gie argumentat illi s-socjeta' ntimata ma tistax tkun kontumaci peress illi dawn il-proceduri ma jinbdewx b'rikors guramentat.*
>
> *"Din il-Qorti kienet ordnat lill-intimat sabiex iressqu t-twegiba taghhom fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tar-rikors promotur permezz tad-digriet taghha tal-10 ta' April 2013 a fol 16. Ir-rikors promotur kien gie*

[1] Kif kien jgħid l-Art. 258(ċ) tal-Kap 12 kif kien fis-seħħ qabel iddaħħlu l-bidliet fil-liġi bl-Att IV tal-2016

*notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni[2], izda filwaqt li l-intimat Francis Chetcuti ressaq ir-risposta tieghu, is-socjeta' ntimata baqghat ma ottemperatx ruhha mal-ordni moghti mill-Qorti ghal prezentata tar-risposta.*

*"Il-fatt illi s-socjeta' ntimata hija sprovvista minn diretturi ma jfissirx illi n-notifika li saret ma hijiex valida, jew li l-proceduri kellhom isiru kontra kuraturi deputati.*

*"L-Artikolu 187 (5) jipprovdi illi:-*

> *"Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jinstab li n-notifika kif provdut fis-subartikolu (4) ma tkunx saret, il-qorti tista',* ***jekk jirriżulta li mill-inqas xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) ikun jinsab Malta*** *tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-iskrittura fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, fejn dak il-korp ikollu l-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew il-post tan-negozju tiegħu, u billi dik l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar minn wieħed skont kif il-qorti tista' tiddeċiedi u, meta possibbli, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb tal-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew post tan-negozju. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk ilmiżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf b'dik liskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2).*

*"Skont l-Artikolu 187 (6):-*

> ***"Meta jirriżulta li l-persuni kollha msemmija fl-artikolu 181A(2) ma jkunux jinsabu Malta jew li dawk il-persuni ma jeżistux****, il-qorti għandha taħtar kuratur li jidher għal dak il-korp skont ma hemm provdut fl-artikolu 929(d)."*

*"L-Artikolu 181A(2) jipprovdi illi:-*

> *"Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp* ***jew minn kull segretarju tal-kumpanija*** *jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija."*

*"Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, u senjatament ix-xhieda ta' Dr. Claudette Fenech, irrizulta illi anke jekk is-socjeta' ntimata kienet sprovvista minn diretturi, xorta wahda kellha segretarju tal-kumpanija, li kien l-intimat Chetcuti stess. Ghalhekk huwa car li n-notifika ta' dawn il-proceduri saret skont il-ligi, billi giet segwita l-proceduta tal-pubblikazzjonu u affissjoni u anke illi ma kien hemm l-ebda htiega illi l-proceduri jsiru kontra kuraturi deputati a nom tas-socjeta' ntimata.*

[2] Fol 26, fol 28 u fol 107

*"Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, is-socjeta' ntimata ghandha titqies bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.*

*"Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** *deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:*

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

*"Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe****., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:*

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***"Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

*"Vide ukoll sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono****, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997*

*"**Ikkonsidrat;***

*"L-intimat Francis Chetcuti eccepixxa illi dawn il-proceduri huma nulli peress illi l-provvedimenti tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx osservati.*

*"Il-procedura stabbilita fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tirrikjedi illi l-esekuzzjoni ta' wiehed mit-titolu esekuttivi msemmija fl-istess artikolu issir billi titressaq talba quddiem il-qorti kompetenti, u illi r-rikorrent ghandu jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun dovut.*

*"Il-Qorti rat ir-rikors promotur tas-socjeta' rikorrenti, u jirrizulta illi:*

*"1. Is-socjeta' rikorrenti ghamlet it-talba taghha permezz ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti; u*

*"2. Patrick Muscat ghal Middlesea Insurance Limited ikkonferma bil-gurament tieghu il-kontenut tar-rikors promotur, u ghalhekk ix-xorta tad-dejn li tieghu is-socjeta' rikorrenti qed tfittex l-esekuzzjoni, u kif ukoll li d-dejn huwa dovut.*

*"Il-Qorti tqis ghalhekk illi din il-parti tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija ghal kollox infondata.*

*"Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat eccepixxa wkoll illi dawn il-proceduri huma irriti u nulli peress illi s-socjeta' rikorrenti ma rrispettatx ir-regoli tac-cessjoni ta' kreditu u n-notifika tal-istess. Fil-verbal tal-24 ta' Ottubru 2013, mitlub biex jikkjarifika liema huma n-nuqqasijiet msemmija rigward ic-cessjoni ta' kreditu u n-notifika tal-istess, l-avukat difensur tal-intimat "iddikjara illi n-nuqqasijiet li hemm jirreferu ghan-notifika li skont l-Art 1471 tal-Kap 16 l-assenjazzjoni kellha tigi nnotifikata permezz ta' att gudizzjarju...u inoltre il-kumpanija Franwin Manufacturing Limited kienet sprovvista mid-diretturi mis-sena 2002 u ghalhekk il-procedura korretta kellha ssir kontra l-kuraturi biex jirraprezentaw kumpanija li ma kelliex diretturi."*

*"Skont l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili:-*

> *"Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet ilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent.*

*"**Dak li jrid jigi stabbilit ghalhekk huwa jekk l-intimati kienux gew notifikati bic-cessjoni permezz ta' att gudizzjarju.***

*"**Is-socjeta' rikorrenti, flimkien ma' Clement u Mary Bondin u n-Nutar Dottor Pierre Cassar, avvzaw lill-intimati bic-cessjoni maghmula fil-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Novembru 2003** fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, **permezz ta ittra ufficjali ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti**. Din l-ittra ufficjali kienet giet notifikata lill-intimati permezz tal-procedura tal-publikazzjoni, u l-istess ittra giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' Mejju 2006 u fuq il-Malta Independent fl-24 ta' Mejju 2006.*

*"A skans ta' ripetizzjoni ta' dak hawn fuq enuncjat, is-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda bzonn tipprezenta l-ittra ufficjali kontra kuraturi deputati a nom tas-socjeta' ntimata, galadarba is-socjeta' ntimata kien ghad ghandha segretarju. Il-Qorti taghraf pero illi n-notifika ma saritx strettament skont il-ligi peress illi saret biss publikazzjoni fil-Gazzetta tal-*

*Gvern, mentri l-ligi tezigi illi n-notifika ssir permezz ta' affissjoni, kif ukoll publikazzjoni kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gurnal ta' kuljum. Madankollu xorta wahdu ghandu jitqies illi s-socjeta' ntimata giet notifikata skont il-ligi bl-ittra ufficjali mibghuta mill-kredituri sabiex javzaw dwar ic-cessjoni li kienet sehhet. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-**intimat kien prezenta ittra ufficjali responsiva kemm f'ismu proprju kif ukoll a nom ufl-interess tas-socjeta' Franwin Manufacturing Limited**[3].2*

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2001 gie ritenut illi*

> *"Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex i**l-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifika bl-att.** (…) Kwalunkwe nuqqas jew difett fil-process tan-notifika isir f'dawk ic-cirkostanzi irrilevanti."*

*"Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dezamina, l-Qorti tqis illi id-difett fil-process tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija sar irrilevanti fil-mument meta giet prezentata risposta permezz ta' ittura ufficjali a nom u fl-interess tas-socjeta' ntimata mis-Segretarju taghha, ghaliex il-prezentata ta' din ir-risposta tekwivali ghal dikjarazzjoni li s-socjeta' ntimata kienet qed taghti ruhha b'notifikata bl-ittra ufficjali msemmija.*

*"Di piu' skont is-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cauchi vs Joseph Camilleri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Gunju 1955,*

> ***"[b]'att gudizzjarju ghandu jiftiehem, skond il-ligi, dak li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti u li jigi nnotifikat lid-debitur permezz tal-Qorti."***

*"Jirrizulta konsegwentement illi huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit illi l-intimat jigu mgharrfa bic-cessjoni tramite att gudizzjarju galadarba huma gew mgharrfa bic-cessjoni permezz tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija. Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi din l-eccezzjoni.*

*"**Ikkonsidrat;***

*"L-intimat qajjem ukoll eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*"L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jipprovdi illi jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta'' hames snin*

33 Fol 40.

> *"l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar,* ***jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."***

*"Minn qari ta' dan l-artikolu huwa car li din l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat hija ghal kollox infondata. Il-kreditu vantat mis-socjeta' rikorrenti* ***jirrizulta minn att pubbliku****, stante illi jirrizulta minn kuntratt pubbliku datat 7 ta' Mejju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar fejn l-intimat ikkostitwixxa ruhhu bhala debitur favur Clement u Mary konjugi Bondin fl-ammont ta' Lm31,745, u s-socjeta' ntimata ikostitwixxiet ruhha garanti ghall-istess ammont,* ***liema debitu gie cedut u trasferit in parti lis-socjeta' rikorrenti permezz ta' kuntratt pubbliku datat 4 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar.*** *Galadarba l-kreditu jirrizulta minn att pubbliku, din l-azzjoni m'hijiex preskritta.*

*"Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*"****Ikkonsidrat;***

*"L-ahhar eccezzjoni mressqa mill-intimat hija illi s-socjeta' ntimata ilha s-snin sprovvista minn Diretturi. Il-Qorti ma tqsix illi tali eccezzjoni hija relevanti ghal posizzjoni tal-intimat, illi prezenta l-eccezzjonijiet f'ismu proprju biss, u ghalhekk ma jistghax iressaq eccezzjonijiet a nom tas-socjeta' ntimata ukoll. Ghal kull buon fini pero, il-Qorti terga' tirrepeti dak hawn fuq rilevat, u cioe illi l-fatt li s-socjeta' ntimata hija sprovvista minn diretturi huwa rrelevanti ghal fini tal-proceduri de quo, stante illi galadarba is-socjeta' ntimata ghad ghandha segretarju tal-kumpanija, skont il-ligi l-azzjonijiet ghad jistghu jigu prezentati kontriha, minghajr il-htiega illi jsiru kontra kuraturi deputati.*

*"Din l-eccezzjoni qieghda ghalhekk tigi michuda wkoll.*

*"****Ikkonsidrat;***

*"Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnhom, l-intimati argumentaw illi s-socjeta' rikorrenti naqset milli tipprova il-quantum tal-ammont dovut lilha. Il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-argument ghar-rigward tal-intimat Francis Chetcuti stante illi din il-kontestazzjoni kontra t-talba tas-socjeta' rikorrenti ma saritx fin-nota ta' eccezzjonijiet, izda saret biss fin-nota ta' sottomissjonijiet.*

*"Il-Qorti tqis ghalhekk illi dan l-argument effettivament hu eccezzjoni mohbi f'nota ta' sottomissjonijiet. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Mifsud vs Josephine Camilleri*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta Lulju 2009:*

> ***"[g]halkemm din il-Qorti, fejn setghet, dejjem irrifuggiet mill-formalizmu esagerat, min-naha l-ohra lanqas ma nkorragiet permessivizmu ingustifikat u anzi, ma tarax li huwa sewwa illi***

> ***wara li jkunu inghalqu l-provi u l-iskritturi, parti f'kawza tippretendi bi dritt li tista' tqanqal kull difiza immaginabbli fil-kors tad-dibattitu oral jew bil-miktub biex tipparalizza l-pretensjonijiet tal-attur."***

*"Gurisprudenza pacifika tirritjeni illi **"eccezzjonijiet formali m'ghandhomx jinghataw f'nota ta' osservazzjonijiet imma bil-mod formali procedurali."**[4] Din il-linja ta' hsieb giet ukoll segwita fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina,** deciza fis-16 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi*

> *"Eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorportata f'nota tal-eccezzjonijiet akkompanjata b'dikjarazzjoni guramentata mill-parti jew wahda mill-partijiet li tkun qed tressaqha (vide Art. 158). Mhux hekk biss talli l-ligi trid li kopja identika ta' din in-nota tal-eccezzjonijiet "tigi notifikata permezz tar-registru lill-attur jew lill-avukat tieghu." Dan ghaliex in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u **mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali**."*

*"Ghalhekk **"meta eccezzjoni ma tigix moghtija formalment qisha m'hijiex quddiem il-Qorti u l-Qorti mhix tenuta tiddecidiha**."[5]4*

*"In vista ta' dan il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-'argument' tal-intimat Chetcuti illi ssocjeta' rikorrenti naqset milli tipprova il-quantum tal-ammont dovut lilha galadarba din in linja ta' difiza ma gietx moghtija formalment izda giet imqajjma biss fin-nota tal-eccezzjonijiet.[**recte:** sottomissjonijiet]*

*"Fir-rigward tas-socjeta' ntimata, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra dan l-'argument' peress illi galadarba baqghat kontumaci dan l-argument ma ressqitux b'mod formali, u l-Qorti hija prekluza milli tqajjem eccezzjonijiet ex officio sakemm ma tkunx giet moghtija din il-fakolta espressament mill-ligi, jew minhabba ragunijiet ta' ordni pubbliku. Peress illi l-kontestazzjoni tal-quantum m'hijiex eccezzjoni li tista' tinghata ex officio, u lanqas hija eccezzjoni marbuta mal-ordni pubbliku, il-Qorti ma tistax tikkonsidra dan l-argument fir-rigward tas-socjeta' ntimata.*

*"**Ikkonsidrat;***

---

[4] ***Emanuele Busuttil vs Francesco Mercieca**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 15 ta' April 1950 u citata b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mifsud vs Paul Cutajar**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Gunju 2008 u **Paul Camenzuli vs Duncan u Linzie konjugi Delia et**, Prim Awla tal-Qorti Civili deciza 1 ta' Frar 2016.*

[5] *M**aria Debono vs Dolores Portelli**, Qorti tal-Appell Civili deciza 22 ta' Ottubru 1954; **Tommaso Sammut vs Carmela Farrugia et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 19 ta' Ottubru 1954.*

*"Pero, minhabba illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Vella vs Pierre Cremona,*** *deciza fl-10 ta' Ottubru 2003* ***"[i]l-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa rrekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova"*** *il-Qorti sejra, fir-rigward tas-socjeta' ntimata biss, tqis jekk is-socjeta' rikorrenti ipprovatx sufficjentement it-talba mressqa minnha.*

*"L-azzjoni li ghandha quddiema l-Qorti hija wahda ghall-awtorizzazzjoni biex jigi esegwit titolu esekuttiv. Kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet* ***HSBC plc vs Raymond Sammut,*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Dicembru 2011*

> *"**Mill-gurisprudenza nostrali in effetti jirrizulta li f'kawza ta' din ix-xorta ir-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gia kanonizzat b'sentenza precedenti.**"*

*"(Vide ukoll J**ohn Portelli nomine vs Henry Azzopardi** et nomine Qorti tal-Appell, deciza 29 ta' Mejju 1997).*

*"F'dan il-kaz huwa inkontestat illi ma saret l-ebda kanonizzazzjoni ta' kreditu permezz ta' sentenza izda huwa l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu illi qieghed jigi vantat bhala titolu esekuttiv.*

*"Fis-sentenza fuq citata "HSBC Malta plc (C-3177) vs Raymond Sammut" ikompli jirritieni : "**L-uniku konsiderazzjoni li ghandha taghti il-Qorti fi procedura bhal din hija biss dwar l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Trid taccerta ruhha dwar l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv li ghadda it-terminu prefiss mil-ligi minn meta dak it-titolu seta' jigi ezegwit kontra debitur intimat, li ix-xorta tad-dejn u il-fatt li l-istess ghadu pendenti jigu konfermati bil-gurament mill-kreditur jew raprezentant tieghu u li tordna l-ezekuzzjoni tat-titolu biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx**."*

*"F'dan il-kaz il-Qorti tqis illi s-socjeta' rikorrenti ipprovat sal-grad rikjest mill-ligi dawn l-elementi kollha. Fir-rigward tal-esekuzzjoni tat-titolu, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-esekuzzjoni ghandha ssir fuq is-somma reklamata mis-socjeta' rikorrenti, specjalment in vista tax-xhieda tal-intimat, illi bil-gurament tieghu ikkonferma illi wara t-trasferiment ta' zewg appartamenti favur Mary Bondin, liema trasferiment sar qabel ma sehhet ic-cessjoni, huwa ma ghamel l-ebda pagament iehor, u ghalhekk m'huwiex verosimili illi s-socjeta' rikorrenti hija dovuta somma anqas minn dik mitluba, liema somma tirrifletti l-kreditu cedut u trasferit lilha mill-konjugi Bondin*";

6. Illi l-intimati ħassew irwieħhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq fil-15 ta' Marzu, 2016, u għar-raġunijiet

hemm imfissra, talbu li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tagħhom, u għalhekk tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet attriċi ta' Mapfre, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

7. Illi permezz ta' Tweġiba tal-5 ta' April, 2016, Mapfre laqgħet billi, wara li warrbet wieħed wieħed l-aggravji tal-appellanti, qalet li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata u l-appell miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Frar, 2021, li bih il-partijiet stqarrew li ma kellhomx x'iżidu aktar mal-atti tal-appell diġa` imressqa, u talbu li l-appell jitħalla għas-sentenza;

10. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija proċedura taħt l-Artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex titolu eżekuttiv isir eżegwibbli wara li laħaq għadda ż-żmien qabel ma saret l-eżekuzzjoni tiegħu;

12. Illi **l-aggravji** tal-appellanti mid-deċiżjoni appellata huma tlieta. L-ewwel, li l-ewwel Qorti naqset meta rrendiet eżegwibbli mill-ġdid il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-7 ta' Mejju, 1998, meta mill-atti ma jirriżultax li ġiet segwita l-proċedura kontemplata taħt is-subinċiż (2) tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tieni, l-ewwel Qorti naqset li tqis l-argument imressaq minnhom li l-ammont dovut ma ġiex ippruvat. Filwaqt li t-tielet aggravju huwa li l-ewwel Qorti naqset meta qieset li kienet tiswa n-notifika tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar, 2006;

13. Illi dwar l-**ewwel aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-7 ta' Mejju, 1998, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, ma ġiex reż eżegwibbli billi mill-atti ma jirriżultax li ntbgħatitilhom ittra uffiċjali biex tirrendih tali. Itennu li l-ewwel Qorti naqset billi ma qisetx jekk it-titolu eżekuttiv li fuqu ssejset l-azzjoni ta' Mapfre, kien tabilħaqq ġie reż eżegwibbli kif huwa meħtieġ taħt l-imsemmi subinċiż;

14. Illi Mapfre laqgħet għal dan l-aggravju billi qajmet il-kwestjoni tas-siwi tiegħu. Tgħid li tul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti ma qajmu qatt il-kwestjoni tal-validita` tat-titolu eżekuttiv li tiegħu qiegħda tintalab l-eżegwibilita` mill-ġdid u l-ebda parti mid-deċiżjoni appellata ma tidħol f'din il-kwestjoni. Għaldaqstant saħqet li ma jistax jitressaq appell dwar din il-kwestjoni f'dan l-istadju. Żiedet tgħid li, f'kawża bħal din, dak li huwa mitlub mill-appellata bħala rikorrenti huwa li

tipprova li r-rekwiżiti imsemmija taħt d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 258 intlaħqu. Minkejja dan, u sabiex ma jkunx hemm dubju dwar is-siwi tat-titolu eżekuttiv, ressqet kopja legali ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru, 2001[6], bil-għan li twaqqa' dik il-parti tal-aggravju;

15. Illi dak li qed jilmentaw minnu l-appellanti taħt dan l-aggravju mhux li t-titolu eżekuttiv ma kien qatt jgħodd, iżda li ma ġiex eżegwit kif imiss billi ma ġewx mitluba jħallsu permezz ta' talba formali, jiġifieri b'ittra uffiċjali. Jibda biex jingħad li din il-kwestjoni mhix il-mertu ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt, kif tajjeb qalet Mapfre, l-azzjoni tagħha hija msejsa fuq l-Artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Proċedura, u fil-proċedura li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti riedet tqis li dak mitlub formalment taħt id-disposizzjoni tal-Artikolu 258 tabilħaqq seħħ sabiex t-titolu eżekuttiv jista' jiġi eżegwit wara li għaddew it-tlett snin;

16. Illi l-Qorti tqis ukoll li d-difiża li tressqet mill-appellant tul il-kawża quddiem l-ewwel Qorti kienet torbot mal-Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Proċedura. Dan joħroġ kemm mit-Tweġiba Maħlufa[7], kif ukoll mill-kjarifika magħmula mill-abbli avukat tiegħu waqt is-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2013[8]. Mix-xhieda mogħtija mill-appellant Chetcuti waqt is-smigħ

[6] Dok "MI" f'paġġ. 174 – 5 tal-proċess
[7] Paġ. 30 tal-proċess
[8] Paġ. 33 tal-proċess

tal-14 ta' Jannar, 2015[9], għal darb'oħra ma tqajjimx l-ilment li ma ġiex imsejjaħ biex iħallas b'att ġudizzjarju kif qed itenni f'dan l-ewwel aggravju. L-istess jingħad meta l-appellant Chetcuti ttella' jixhed fil-kontro-eżami minn Mapfre[10]. In-Nota ta' Sottomissjonijiet[11] imressqa mill-appellanti wkoll hija siekta għal kollox fuq dan il-punt;

17. Illi għaldaqstant dan l-ewwel aggravju ma kienx il-mertu ta' deċiżjoni quddiem l-ewwel Qorti u ma jistax jitressaq appell minn kwestjoni li quddiem l-ewwel Qorti ma kienx tqajjem. Tqis ukoll li kull dubju li seta' kien hemm dwar l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv inġieb fix-xejn bil-preżentata tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru, 2001[12], mat-Tweġiba għar-Rikors tal-Appell li turi li ż-żewġ appellanti laqgħu n-notifika tagħha u li kienet espressament maħsuba biex tirrendi eżekuttiv il-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-debitu u wkoll li kienet tintimahom li, fin-nuqqas ta' ħlas, il-miżżewġin Bondin kienu se jmexxu għall-eżekuzzjoni;

18. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju m'għandux mis-sewwa u ma jistħoqqlux jintlaqa';

[9] Ara paġġ. 110A sa 110K tal-proċess
[10] Ara paġġ. 112A sa 112F tal-proċess
[11] Ara paġġ. 138 sa 140 tal-proċess
[12] Paġġ. 175 u 176 tal-proċess

19. Illi dwar **it-tieni aggravju**, l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma tatx widen għal dak li ssottomettewlha dwar li Mapfre naqset li tipprova l-ammont (il-*quantum*) dovut lilha. Jgħidu li din l-eċċezzjoni setgħet titressaq biss wara li ngħalqu l-provi mir-rikorrenti u l-obbligu li titressaq din il-prova kien jaqa' fuq Mapfre, li naqset li tgħid kemm kien l-ammont minnha pretiż;

20. Illi għal dan l-aggravju, Mapfre laqgħet billi qalet li l-ewwel Qorti warrbet dan l-argument għaliex tressaq biss bħala argument fl-istadju tat-trattazzjoni tal-għeluq u mhux bħala eċċezzjoni formali, u li kien għalhekk li ma ħassithiex marbuta li tagħti deċiżjoni dwarha. Qalet ukoll li, min-naħa tagħha, ressqet il-prova meħtieġa li l-kreditu kien dovut, u dawn il-provi kienu biżżejjed, fil-parametri tal-azzjoni kif mressqa minnha, biex turi li d-dejn ma kienx tħallas u li kien hemm raġuni għalfejn tintalab l-eżekuzzjoni mill-ġdid tal-kuntratt;

21. Illi tabilħaqq, il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant Chetcuti milli jitlob lill-ewwel Qorti tħallih iressaq eċċezzjoni ulterjuri, kif wara kollox għamel meta ttanta jilqa' għall-azzjoni billi ressaq l-eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni[13]. Dik kellha tkun il-proċedura li biha kellu jimxi l-appellant, anke jekk kif jargumenta ma kienx

[13] Ara l-verbal tas-smigh tal-25 ta' Mejju, 2015. F'paġ. 112 tal-proċess u n-nota f'paġ. 112H tal-proċess

f'qagħda li jressaqha qabel ma ngħalqu l-provi min-naħa ta' Mapfre. Din il-Qorti taqbel għal kollox ma dak li qalet l-ewwel Qorti li eċċezzjoni m'għandhiex tieħu s-sura ta' argument magħmul f'Nota ta' Sottomissjonijiet[14];

22. Illi, minkejja dan, Qorti li tintalab tawtorizza mill-ġdid l-eżegwibilita` ta' titolu taħt il-proċedura tal-lum m'hijiex mitluba li terġa' tikkanonizza tali kreditu. Azzjoni bħal din m'hijiex maħsuba li ssir biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li terġa' tgħajjex titolu eżekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu. Minkejja dan, minħabba li xi drabi xi parti mill-kreditu li jkun ġie kanonizzat oriġinarjament f'titolu eżekuttiv ikun tħallas matul iż-żmien li dak it-titolu jkun għadu eżegwibbli, jista' jagħti l-każ li f'azzjoni bħal din (x'aktarx minħabba l-kontestazzjoni tal-parti eżekutata) isir aċċertament dwar l-ammont mill-kreditu li jkun għadu dovut meta t-titolu jerġa' jsir eżegwibbli[15]. Dan iżda ma japplikax għal każ li l-Qorti għandha quddiemha ladarba ġie ppruvat li ma sar ebda ħlas mill-appellanti;

23. Illi għaldaqstant dan it-tieni aggravju wkoll m'għandux mis-sewwa u mhux sejjer jintlaqa';

---

[14] Il-Qorti tagħmel tagħha l-iskorta tas-sentenza msemmija fis-sentenza appellata f'paġġ. 154 sa 155 tal-proċess

[15]App. Ċivili **23.11.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***George Żammit noe v. Michael Frendo noe***

24. Illi jonqos li l-Qorti tqis **it-tielet aggravju**. L-appellanti jgħidu li kemm l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar, 2006, kif ukoll r-Rikors Maħluf huma rriti u nulli billi Francis Chetcuti kien ilu żmien li rriżenja minn direttur ta' Franwin u, bħala segretarju tagħha, ma jgawdix ir-rappreżentanza ġuridika tagħha. Itennu li l-ewwel Qorti kellha ssib li, fiċ-ċirkustanzi, in-notifiki kellhom isiru lill-kuraturi deputati li kellhom jinħatru biex jidhru għal Franwin;

25. Illi, min-naħa l-oħra, Mapfre tgħid li n-notifika tal-atti ġudizzjarji msemmija saret permezz tal-proċedura ta' affissjoni meta Franwin kienet għadha reġistrata mar-Reġistru tal-Kumpanniji. Tgħid ukoll li l-appellant Chetcuti kellu s-setgħa li jilqa' n-notifika fil-kwalita` tiegħu ta' Segretarju tal-kumpanija. Ittenni li, fl-aħħar mill-aħħar, l-appellanti laqgħu n-notifika anke b'mod taċitu ladarba ppreżentaw Tweġiba għall-ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar, 2006[16], b'ittra uffiċjali tagħhom fil-21 ta' Marzu, 2006[17];

26. Illi din il-Qorti, speċjalment f'materja teknika bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta' notifika, għandha tħares b'reqqa dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-notifiki[18];

---

[16] Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[17] Ara dok f'paġ. 40 tal-proċess
[18] Ara, b'eżempju, P.A. MCH **25.6.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Paċe et v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** (mhix appellata)

27. Illi għal dak li jirrigwarda n-notifika ta' individwi, il-liġi tipprovdi dwar kif għandha ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji fl-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi tipprovdi dwar fejn għandha ssir in-notifika u ma' min tista' titħalla kopja. Fil-każ ta' kumpanija jew ta' korp mogħni b'personalità ġuridika, min-naħa l-oħra, il-liġi tipprovdi dwar kif għandha ssir in-notifika lilha ta' atti ġudizzjarji fl-Artikolu 187(4) tal-istess Kodiċi. Dak l-artikolu jipprovdi dwar fejn għandha ssir in-notifika ta' att ġudizzjarju lill-korp li jkollu personalita` ġuridika[19] u kif ukoll lil min għandha ssir tali notifika, filwaqt li, b'mod alternattiv għall-ewwel għamla ta' notifika, isemmi lil min għandha ssir in-notifika[20], imma fil-post li l-liġi ssemmi dwar in-notifiki ta' persuni individwali. B'differenza mill-każ ta' notifika ta' atti ġudizzjarji lil individwi, il-liġi tgħid li dwar persuni kompetenti li jirċievu atti ġudizzjarji f'isem korp mogħni b'personalita` ġuridika, tali persuni jridu jkunu awtorizzati bil-miktub minn tali korp biex jirrappreżentawha[21];

28. Illi mill-atti jirriżulta li l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar, 2006[22], li bih Mapfre irrendiet eżekuttiv il-kuntratt u r-rikors li bih infetħet din il-kawża[23] mertu ta' din il-kawża, ġew notifiki lill-intimati bil-proċedura ta' affissjoni. Jirriżulta wkoll li Franwin kienet ġiet reġistrata fit-13 ta' Awwissu, 1991, kellha bħala direttur u segretarju lill-appellant Chetcuti, li rriżenja mill-

[19] Art. 187(4)(a) tal-Kap 12
[20] Art. 187(4)(b) tal-Kap 12
[21] Art. 181A(2) tal-Kap 12
[22] Dok. "C" f'paġġ. 10 sa 15 tal-proċess
[23] Dok. "A" f'paġġ. 105 sa 107 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "CF1"f'paġġ. 64, 81 u 82 tal-proċess

kariga ta' direttur fi Frar 2002, iżda baqa' iservi bħala segretarju tal-istess kumpanija. Skont l-istatut ta' Franwin, ir-rappreżentanza ġuridika kienet fdata f'idejn id-direttur jew persuna oħra maħtura mill-Bord tad-Diretturi. Mill-atti tal-kawża, ma jirriżultax li Franwin qatt ħatret lil xi ħaddieħor bir-rappreżentanza ġuridika tagħha fin-nuqqas tad-direttur tagħha. Sat-2 ta' Ġunju 2014, Franwin kienet għadha attiva[24];

29. Illi l-argumenti mressqa mill-appellanti huma l-istess argumenti li qajmu quddiem l-ewwel Qorti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom. L-ewwel Qorti sabet li, minkejja li Franwin kienet sprovvista minn direttur, xorta waħda kellha segretarju joqgħod f'Malta, u n-notifika bil-proċedura tal-affissjoni għaldaqstant saret skont il-liġi. Qalet ukoll li ma kien hemm ebda ħtieġa li jinħatru kuraturi deputati biex jidhru għal Franwin f'dawn il-proċeduri;

30. Illi din il-Qorti taqbel ma' dawk il-fehmiet tal-ewwel Qorti. Tqis li l-fatt li l-persuna fdata bir-rappreżentanza ġuridika ta' kumpanija rriżenjat mill-kariga tagħha fi ħdan tali kumpanija bla ma nħatret persuna oħra minflokha ma jolqotx ħażin ir-regoli tal-liġi dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji taħt il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Għaldaqstant l-proċedura ta' affissjoni kif segwita minn Mapfre saret skont il-liġi, u tqis li ma hemm xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

[24] Ara x-xhieda ta' Dr Claudette Fenech f'paġ. 51 u 52 tal-proċess

31. Illi għaldaqstant lanqas it-tielet aggravju m'għandu mis-sewwa u mhux ser jintlaqa';

***Deċide:***

32. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**tiċħad l-appell** tal-appellanti billi ma jirriżultax li hu mistħoqq, u tikkonferma għal kollox id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu, 2016, bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr